**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum għaxra (10) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 3095/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Dolores Sammut Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Dolores Sammut Bonnici**, bint Francis u Salvina nee Agius, imwielda San Pawl il-Baħar fid-dsatax (19) ta' Frar 2024 u residenti "Salina Park", Penthouse 8, Triq il-Kappella tal-Lunzjata, Naxxar, Malta detentriċi tal-karta tal-identita numru 361654(M) talli fid-dsatax (19) ta' Frar 2024 għall-ħabta tal-għaxra u tmienja u erbgħin minuta ta' filgħodu (10.48hrs) fi Triq is-Salib, Imrieħel,

Birkirkara, bħala persuna fil-kapaċita tagħha li fil-ħin tal-għemil tar-reat kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga għan-nom ta' Green Skip Services Limited:

(1) ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet li l-vettura numru GRN 015 tinsaq minn Nadheer Kumbassery Abubaker persuna li ma kellhiex il-liċenzja tas-sewqan meħtieġa biex issuq l-imsemmija vettura jew vettura oħra tal-imsemmija kategorija;

(2) ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet lil Nadheer Kumbassery Abubaker li jsuq vettura numru GRN 015 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli żżomm jew jkollha ebda liċenzja tas-sewqan għall-perijodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: fid-dsatax (19) ta' Frar 2024 għall-ħabta tal-għaxra u tmienja u erbgħin minuta ta' filgħodu (10.48hrs) waqt li PC 64 Tonio Sultana kien għaddej b'ronda minn Triq San Ġwakkin kantuniera ma' Triq is-Salib tal-Imrieħel, Birkirkara, ġie innutat scammel truck tal-għamla Isuzu b'numru tar-reġistrazzjoni GRN 015 tal-kumpanija Green Skips fejn ix-xufier tal-istess trakk ta' sess maskili kien qed jipprova jipparkja t-trakk eżatt fil-kantuniera fuq linji sofor doppji kontinwi.

Il-Pulizija waqqaf lix-xufier milli jkompli jsuq u talbu d-dokumenti ta' identifikazzjoni. Irriżulta li x-xufier kien ċertu Nadheer Kumbassery Abubaker bil-karta tal-identita numru 397016(A). Ix-xufier ġie infurmat x'kien qed jagħmel ħażin u ġie mitlub l-liċenzja tas-sewqan Ewropea. Dan għaliex skont il-log book tal-vettura l-iscammel truck kien jiżen aktar minn tlett tunellati u nofs. Ix-xufier irriżulta li ma kellux u għalhekk dan kien ifisser li huwa lanqas ma kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni tal-vettura.

Minn verifiki li saru wara, irriżulta li sid il-vettura kienet l-akkużata Dolores Sammut Bonnici detentriċi tal-karta tal-identita numru 361654(M). Din ġiet mitkellma mill-Pulizija fejn ġie spjegat lilha dak li kien ġara u hija ammettiet mal-Pulizija li kienet ippermettiet lill-istess xufier li kien impjegat magħha preċiżament Nadheer Kumbassery

Abubaker sabiex isuq l-iscammel trakk. Il-Pulizija għalhekk ipproċedew sabiex ħarġu l-akkużi fil-konfront tagħha.

Ikkunsidrat;

Sabiex l-akkużi li ġew dedotti fil-konfront tal-akkużata jiġu pruvati, il-Prosekuzzjoni hija obbligata li tagħmel **<u>żewġ provi essenzjali</u>**:

(a) li tipprova li effettivament ix-xufier ma kellux liċenzja biex isuq il-vettura in kwistjoni, f'dan il-każ l-iscammel truck, u li l-istess xufier ma kienx adegwatament kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(b) u li effettivament l-akkużata ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet lix-xufier isuq din il-vettura.

Dan apparti l-prova li fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi, l-akkużata kienet uffiċjal tal-kumpanija Green Services Skip Limited peress li t-trakk in kwistjoni jgħajjat lil din il-kumpanija. Din l-aħħar prova l-Prosekuzzjoni għamlitha permezz tax-xhieda ta' Claudia Baldacchino mill-Malta Business Registry li ikkonfermat li fid-dsatax (19) ta' Frar 2024 l-akkużata kienet direttur tal-kumpanija Green Skip Limited.

Mill-provi prodotti irriżulta li fid-data tas-dsatax (19) ta' Frar 2024, ix-xufier Nadheer Kumbassery Abubaker ma kellux liċenzja tas-sewqan

Maltija. Infatti kif xehed Kenneth Pace huwa applika għal-learner's permit fis-sebgħa (7) ta' April 2024 u sas-sebgħa (7) ta' Mejju 2024, l-istess Abubaker kien għadu ma applikax għas-sezzjoni prattika tal-eżami. Għalkemm ġie preżentat *international driving permit* ta' Abubakar maħruġ mill-Istat Indjan, dan il-permess mhux suffiċjenti għal-liġi Maltija u ma jagħtix permess lil Abubaker isuq vetturi kummerċjali f'Malta. Dan anke jekk kellu jitqies li l-istess Abubakar ma kienx ilu f'Malta aktar minn sena. Dan għaliex ir-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 jeskludi l-possibilita li persuna issuq vetturi ta' natura kummerċjali b'liċenzja maħruġa minn pajjiż li mhux stat membru tal-Unjoni Ewropea jew taz-Zona Ekonomika Ewropea.[1]

Il-fatt li persuna ma jkollhiex liċenzja tas-sewqan ifisser li hija ma tistax titqies li tkun validament koperta b'polza ta' assikurazzjoni hekk kif rikjest mill-artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Biex xufier jitqies li huwa validalment kopert u tiġi eskluża r-responsabbilita kriminali imposta mill-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, irid jiġi attivament pruvat illi x-xufier kien personalment kopert taħt il-polza tal-assikurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minkejja li huwa f'dak iż-żmien kien sprovvist mil-liċenzja tas-sewqan valida. Dan fl-aħħar mill-aħħar huwa dak li jirrikjedi l-leġislatur

---

[1] *"Id-detentur ta' liċenza tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz jista' jsuq f'Malta, għal perjodu li ma jkunx iżjed minn tnax-il xahar mid-data minn meta huwa jkun daħal l-aħħar f'Malta, kull klassi jew deskrizzjoni ta' vettura koperta mil-liċenzatas-sewqan maħruġa lilu mill-awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż terz:*

*Iżda d-detentur ta' liċenza tas-sewqan maħruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz ma jkunx jista' jsuq vetturi fil-kategoriji ta'liċenza C1, C1E, C, CE, D1, D1E, D, DE jew f jekk dik il-persuna ma jkollhiex ukoll ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ skond ir-regolament 29 jew jekk dik il-persuna ma tkunx sewwieq eżentat skond ir-regolament 28."*

fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104: illi l-polza ta' assikurazzjoni tkun tkopri lill-persuna li tkun effettivament qiegħda tuża l-vettura. Fil-każ in eżami għalkemm id-difiża ġabet il-prova li fil-konfront tal-vettura kien hemm polza ta' assikurazzjoni, ma inġabitx il-prova li tali polza kienet effettivament sejra tkopri wkoll lil xufiera li jkollhom ħames u għoxrin (25) sena jew aktar iżda li ma jkollhomx liċenzja tas-sewqan valida hekk kif rikjest mil-liġi Maltija.[2] Fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel element rikjest b'rabta mal-akkużi li qed jiġu addebitata lill-akkużata.

It-tieni element li jrid jirriżulta huwa li effettivament l-akkużata ġiegħlet, ħalliet jew ippermettiet lix-xufier isuq din il-vettura. Id-difiża ibbażat n-nuqqas ta' ħtija tal-akkużata fuq il-fatt li dakinhar li x-xufier Abubaker kien ġie imwaqqaf mill-Pulizija hija kienet fi triqitha lejn Brussell. In sostenn ta' dan, l-akkużata ippreżentat wkoll il-biljetti tal-ajru kif wkoll l-invoice tal-lukanda fi Brussels. Allura skont id-difiża, hija ma setgħet qatt f'dik il-ġurnata u l-ħin iġġiegħel, tħalli jew tippermetti lix-xufier isuq dik il-vettura.

Madanakollu x'ħin l-akkużata xehdet f'dawn il-proċeduri hija sostniet mingħajr l-ebda tlaqlieq li hija kienet impjegat lil Abubaker mal-kumpanija bħala xufier. Huwa minnu li forsi dakinhar l-akkużata setgħet m' għamlitx kuntatt max-xufier għaliex hija kienet qed tivvjaġġa. Pero l-fatt li hija iddikjarat li hija kienet impjegat lill-akkużat bħala xufier, dan

[2] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Mohammed Knaan.

awtomatikament kien jimplika li hija kienet effettivament tatu struzzjonijiet u ippermettitlu li jsuq il-vetturi tal-kumpaniji mingħajr l-ebda restrizzjoni u bħala parti mix-xogħol tiegħu mal-istess kumpanija. L-akkużata għalhekk kienet taħt l-obbligu li tassikura li x-xufier kellu l-liċenzji relattivi validi biex isuq. Kif ġia senjalat aktar qabel f'din is-sentenza, l-*international driving permit* maħruġ minn pajjiż terz ma kienx jawtorizza s-sewqan ta' vetturi kummerċjali għall-perijodu ta' sena mid-dħul f'Malta tax-xufier u dan skont ma jistipula r-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.

Ma rriżultax li f'xi ħin wara li kien ġie impjegat mal-kumpanija, l-istess xufier ingħata struzzjonijiet mill-akkużata biex huwa ma jsuqx aktar vetturi tal-kumpanija. Il-Qorti għandha wkoll dubju fuq il-kredibbilita tal-akkużata meta hija tgħid li qatt ma ġiet kuntattjata mill-Pulizija rigward dan il-każ. Dan għaliex dak li jirraporta PC 64 Tonio Sultana li intqal lilu mill-akkużata huwa dak li effettivament xehdet l-akkużata meta hija volontarjament għażlet li tixhed f'dawn il-proċeduri: ċioe li x-xufieri Abubaker kien impjegat magħha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi fi proċeduri penali: ġie stabbilit li x-xufier kien qed isuq mingħajr liċenzja valida u allura fid-dawl ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-assikurazzjoni ma kinitx se tkoprieh. Ġie stabbilit wkoll li effettivament l-akkużata ġiegħlet,

ippermettiet jew ħalliet lix-xufier isuq il-vettura għaliex hija impjegatu bħala xufier magħha.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(b) u 15(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 qed issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u qed tikkundannaha għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt ewro (€ 2,700). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**